MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 354/2008

Cordina Steamship & Airline Company Limited [C-43]
vs
Christopher Bonello, Giorgina sive Gina Bonello u
Anthony Bonello

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Dikjarazzjoni

1. Illi s-socjeta` attrici kienet forniet lill-konvenuti – illi kienu, u/jew ghadhom, jezercitaw il-kummerc taht l-isem ta' "Exotica Tours" – diversi servizzi n-natura ta' liema kienet servizzi ta' *ticketing* ta' biljetti ta' l-ivjaggar u ta' koperturi ta' assikurazzjoni;

2. Illi s-servizzi msemmija gew debitament rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuti, izda ghad baqa' jithallas,

mill-konvenuti, s-somma bilancjali fl-ammont ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u erbghin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmi (€18,149.43c), ekwivalenti ghal sebat elef, seba’ mija, wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm7,791.55c);

3. Illi dan l-ammont huwa bilanc minn somma akbar;

4. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mis-socjeta` attrici permezz ta’ ittri ufficjali spediti lill-konvenuti, dawn tal-ahhar baqghu inadempjenti u nonostante wkoll li, sa fejn naf jien, bhala l-persuna in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jissollevaw u x’jaghtu kontra t-talba attrici;

5. Illi l-imsemmi ammont jikkostitwixxi dejn li l-konvenuti ghandhom pendenti mas-socjeta` attrici u tali dejn hu cert, likwidu u dovut hekk kif jirriuzlta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mar-rikors u immarkata “Dok X”;

6. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tiftah il-prezenti proceduri sabiex tezigi u tottjeni l-pagament ta’ dan l-ammont hawn fuq indikat.

Raguni tat-Talba

1. Illi s-socjeta` attrici kienet forniet lill-konvenuti – illi kienu, u/jew ghadhom, jezercitaw il-kummerc taht l-isem ta’ “Exotica Tours” – diversi servizzi n-natura ta’ liema kienet servizzi ta’ *ticketing* ta’ biljetti ta’ l-ivvjaggar u ta’ koperturi ta’ assikurazzjoni;

2. Illi s-servizzi msemmija gew debitament rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuti, izda ghad baqa’ jithallas, mill-konvenuti, is-somma bilancjali fl-ammont ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u erbghin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmi (€18,149.43c), ekwivalenti ghal sebat elef, seba’ mija, wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm7,791.55c);

3. Illi dan l-ammont huwa bilanc minn somma akbar;

4. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mis-socjeta` attrici permezz ta’ ittri ufficjali spediti lill-konvenuti, dawn tal-ahhar baqghu inadempjenti u nonostante wkoll li, sa fejn naf jien, bhala l-persuna in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jissollevaw u x’jaghtu kontra t-talba attrici;

5. Illi l-imsemmi dejn li l-konvenuti ghandhom pendenti mas-socjeta` attrici hu dejn cert, likwidu u dovut hekk kif jirriuzlta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mar-rikors.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta’ Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata ipprezentata mar-rikors u immarkata bhala Dok “X”;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma fl-ammont ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u erbghin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmi (€18,149.43c), ekwivalenti ghal sebat elef, seba’ mija, wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm7,791.55c);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali *ai termini* ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 30 ta’ Novembru, 2007 u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-intavolar tal-appena msemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat li fit-12 ta' Mejju, 2008 l-intimat iddikjara li l-ammont mitlub mhux dovut hlief ghal €1500 minhabba li ma ttiehdux biljetti kif imsemmi fir-rikors. Sostna li Anthony Bonello ma ghandu x'jaqsam xejn fin-negozju li kien gestit minn Christopher u Giorgina Bonello. Il-Qorti awtorizzat lill-intimati jipprezentaw risposta.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat Christopher Bonello li biha espona:

1. Illi t-talbiet huma preskritti ai terminu tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili Kap 16.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-ammont pretiz gia thallas.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fit-13 ta' Novembru, 2008 [fol 171] l-intimati irtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Gie prezentata dikjarazzjoni guramentata ta' Maurice Cordina ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cordina Steamship & Airline Company Limited fejn fiha semma li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici minnu rapprezentata fis-somma bilancjali ta' tmintax-il elf, mija u disgha u erbghin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmi (€18,149.43c) rapprezentanti servizzi fornuti lill-konvenuti – illi f'dik l-epoka u zmien kienu jezercitaw il-kummerc taht l-isem ta' "Exotica Tours" – rispekkjanti diversi servizzi ta'

*ticketing* ta’ biljetti ta’ l-ivjaggar u ta’ koperturi ta’ assikurazzjoni.

Gie pprezentat affidavit ta’ Victor Cordina Borg, direttur ta’ Cordina Steamship and Airline Company Limited u ta’ Cordina Insurance Agency Limited fejn fih semma li xogholu fiz-zewg kumpaniji kien jikkonsisti fid-*daily running* tal-kumpaniji inkluz li jzomm l-*accounts* tal-kumpaniji. Semma li l-Exotica kienu klijenti taghhom u kienu jitolbuhom biex johorgulhom biljetti ta’ l-ajru ghal klijenti taghhom peress li huma ma kienux IATA approved. Qal li hafna drabi huma kienu jaghmlu l-*bookings* huma stess fuq il-*computer* taghhom u mbaghad huma jikkomunikaw maghhom u jitolbuhom biex johorgulhom il-biljetti. Qal li xi drabi Exotica kienu jitolbuhom Travel Insurance Policies ghal klijenti taghhom kif ukoll *insurance cover* ghal xoghol iehor bhall-vetturi taghhom u huma kienu johorgulhom tali insurance. Bhala l-persuna inkarigat mill-*accounts* tal-kumpanniji, hu kien johrog il-kontijiet ghal dawn is-servizzi. Il-pagamenti generalment kienu jkunu maghmula minn cekkijiet u dawn invarjabbilment kienu jkunu ffirmati minn Anthony Bonello. Semma li meta kien isir pagament dejjem kienu johorgu rivecuta tal-VAT ghas-servizzi ta’ biljetti u ricevuta normali ghas-servizzi ta’ l-*insurance*. Ikkonferma li l-bilanc ta’ Lm7,791.55 (€18,149.43) hu l-ammont li ghadu mhux imhallas minn Exotica, cioe` minn dawn it-*traders* li kienu jaghmlu l-kummerc taht dak l-isem, illi huma Giorgina, Christopher u Anthony kollha Bonello.

Gie prezentat affidavit ta’ Maurice Codina Borg, *Managing Director* tal-Kumpannija Cordina Insurance Agency Limited u tal-kumpanija Cordina Steamship & Airline Co. Limited fejn fih semma li l-kumpanija Cordina Steamship & Airline Co Limited hi kreditrici fil-konfront ta’ Christpher Bonello, Giorgina Bonello u Anthony Bonello li ghal zmien kien jikkumercjaw u jinnegozjaw taht l-isem ta’ Exotica Tours, fl-ammont ta’ €18,149.43 (Lm7,791.55). Dawn kienu joperaw in-noegozju u kummerc taghhom mill-post 70A Palm Street, Paola. Qal li dan l-ammont jirrapprezenta bilanc fuq somma abkar ta’ drittijiet dovuta lil Cordina Steamship & Airline Co Limited ghal servizzi ta’

*ticketing* ta' biljetti ta' l-ivvjaggar u ta' *insurance* rezi lil-Exotica Tours.

Xehed Christopher Bonello fejn ikkonferma li mhux dovut bl-ebda mod l-ammont msemmi fir-rikors guramentat hlief ghal xi €1,500 u dan minhabba li ma kienux ittiehdu biljetti. Kull darba li l-attur kien jaghtihom il-biljetti kien ikun irid il-hlas immedjat. Qal li seta' kien li qabzu xi tlieta, erbgha biljetti pero` mhux aktar u ghalhekk ma hemmx ammont dovut. Ikkonferma wkoll li missieru Anthony Bonello ma ghandu xejn x'jaqsam man-negozju, kull ma seta' kien ghamel xi cekkijiet ghax huma ma kellhomx cekkijiet x'jaghtu u kien ghamilhom ghalihom, izda ma kellu x'jaqsam xejn mat-tmexxija tan-negozju.

F'xhieda ohra qal li proprjament huma mhux kumpanija kienu, hu personali u kien jordna xoghol ta' biljetti ta' l-ivvjaggar minghand is-socjeta` attrici u biljetti ghal haddiehor biex ibieghhom. Semma li hu ma setax jordna biljetti ghax ma kienx agent. Qal li lil Maurice Cordina darba biss kien kellmu, fil-bidu, il-bqija kienn ikellem lil Maurice Cordina li milli deher kien it-tifel tieghu. Cahad li kienn jircievi VAT *receipts* minghandhom. Il-*credits* li kellhom kienu fuq *insurance polices* tas-safar. Qal li VAT *statements*, VAT *receipts* ma kienx jibghat, *statements* biss li kien jibghat jew wahda rari. Hu waqaf xi tliet snin, tliet snin u nofs ilu jahdem fuq dan ix-xoghol u sostna li hu m'ghandux x'jaghtihom ghax Maurice Cordina, iz-zghir, meta kien jigi bit-*tickets*, jekk ma kien jaghtih il-flus ma kienx jaghtih it-*tickets*. Qal li hu t-*tickets* hallashom, kien dam sentejn jinnegozja u li l-post ilu maghluq tliet snin u nofs.

Kemm kellu jhallas minn xahar ghall-iehor kienu jvarjaw jiddependi mill-prezzijiet. Qal li fl-ahhar l-ammont kien tela' sostanzjalment u allura kellu jaghmel pressjoni aktar fuqu biex ihallas. Daqqa kien jghidlu li l-*accountant* nesa jiffirmalu u daqqa ghal xi raguni ohra u ghalhekk kien baqa' jaghmel pressjoni fuqu u kien waqa' ghal xi tlett xhur b'lura. Qal li l-*accountant* kien johrog il-kontijiet fl-ahhar tax-xahar u l-ammont kien sostanzjali minhabba n-numru ta' *tickets* li hu kien johrog. Semma li lejn l-ahhar

il-bibien tal-konvenut xi kultant kienu jkunu maghluqin u ma setghux jaqbduhom aktar fuq it-*telephone*. Qal li hu qatt ma zamm cekkijiet, hu kien johodhom lura l-ufficcju. Meta kien jircievi cekk kien jaghmel ircevuta u l-ghada kien jippustjah.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi s-socjeta` rikorrenti in vista ta' diversi servizzi li kienet forniet lill-intimati li kienu u/jew ghadhom jezercitaw il-kummerc taht l-isem Exotica Tours talbet li l-intimati jigu ikkundannati jhallsuha solidament bejniethom is-somma ta' €18,149.43, bilanc minn somma akbar. Is-servizzi kienu dawk ta' *ticketing* ta' biljetti tal-ivjaggar u ta' kopertura ta' assikurazzjoni. Illi l-intimat Christopher Bonello sostna li t-talbiet rikorrenti kienu bhala fatt u bhala dritt infondati stante li l-ammont pretiz gja thallas.

Xehdu Maurice Cordina Borg Sr u Victor Cordina Borg u taw dettalji ta' l-ammont dovut - bilanc ta' somma akbar dovuta mill-intimati lir-rikorrenti ghal servizzi ta' biljetti tal-ajru u *f'travel insurance policies*. Gew ezibiti diversi dokumenti bhala prova ta' dan.

Illi l-intimati kwazi ma ipprezentaw l-ebda prova dwar hlas maghmul minnhom. L-intimat Christopher Bonello jghid fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Mejju 2008 li "missieri Anthony Bonello ma ghandux xejn x'jaqsam man-negozju kull ma jista' kien ghamel xi cekkijjiet ghax ahna ma kellniex cekkijjiet x'naghtu u kien ghamilhom ghalina, izda ma kellu x'jaqsam xejn mat-tmexxija tan-negozju". In kontro-ezami tax-xhieda tieghu tat-30 ta' Marzu 2009 li "Anthony Bonello qatt m'ezista hemmhekk". Izda mill-fotokopji tac-cekkijjiet esebiti dok C18 taht il-firma hemm miktub Anthony Bonello Acc Exotica Tours. Dan jikkontradixxi dak li xehed Christopher Bonello stante li dan juri bic-car l-involviment ta' Anthony Bonello tant li kien jiffirma hu c-cekkijiet.

Illi fil-kontro-ezami tieghu tat-30 ta' Marzu 2009, Christopher Bonello jghid li Gina Bonello kienet involuta fin-negozju, u dan il-fatt qalitu Gina Bonello stess fir-

risposta datata 18/12/07 ghall-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati. Dawn huma esebiti bhala dok C14 u C13.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-intimati li "bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-ammont pretiz gja thallas".

Dwar it-talba tar-rikorrenti din tirrizulta gustifikata u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma fl-ammont ta' tmintax-il elf, mija u disgha u erbghin Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmi (€18,149.43c).

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------